TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 23/11

**Noel Scicluna**
**vs**
**Klikk Computer Store**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti prezz ta' *iPhone* li kien jaħdem limitatament biss mal-Vodafone u li kellu jħallas mitt ewro (€100) sabiex jaħdem ma' kull linja telefonika.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrent, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *iPhone* mingħand is-soċjeta' intimata u jidher li dan kien limitatament għall-użu tal-Vodafone u r-rikorrenti ma kienx jaf għax li kieku ma kienx jixtrih.

L-intimat issottometta bil-miktub illi kull klijent ikun infurmat li l-*iPhone* mixtri minn għandhom jaħdem biss ma' Vodafone.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta u għalhekk m'opponiex għal din it-talba.

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888